KUNSILL LOKALI L-IKLIN

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**ID-DISA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 17 – IT-TNEJN, 13 TA' APRIL 2020**

Minħabba l-kriżi COVID-19, il-Kunsill ma ltaqax fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u saret b'mod remot (online meeting). Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sna Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm quorum biex tibda s-seduta u s-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa b'mod virtwali.

**17.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

17.1.1 Ma kienx hemm.

**17.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

17.2.2 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (16) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

17.2.3 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 17.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

17.3.1 Ma kienx hemm.

## 17.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

17.4.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras informa li kienu tħawwlu siġar tar-rand u xitel tal-klin fil-planters ta' Triq San Mikiel bħala parti minn programm ta' tisbieħ u dehra ħajja fl-Iklin. Informa li kien irċieva kummenti pożittivi dwar id-deċiżjoni li ttieħdet fil-Kunsill biex insebbħu l-ambjent tal-lokal.

17.4.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras informa li kien f'diskussjoni u negozjati mal-ELC Ltd dwar il-*planter* ta' Triq il-Ħarruba. Informa li l-Kunsill kellu jieħu deċiżjoni ftit tax-xhur ilu biex titneħħa l-ħamrija minħabba diffikultajiet tal-ilmijiet tax-xita. Però l-ELC Ltd ressqet proposta billi jiġi mplimentat kunċett ġdid ġewwa L-Iklin biex din id-diffikultà tiġi riżolta permezz ta' materjali (corten steel) li ntuża wkoll fil-Foss tal-belt Valletta. Semma li l-ELC Ltd bħala l-kuntrattur tal-Kunsill, reġgħu ikkonsultaw mall-Kunsill u bl-esperti tekniċi tagħhom, ippreżentaw soluzzjoni permezz ta' materjali innovattivi u t-tħawwil ta' siġar taż-żebbuġ u xitel tal-klin. Xogħol professjonali li ċertament ser isservi bħala *hallmark* fi Triq il-Wied. Għaldaqstant, is-Sindku, b'sodisfazzjon informa li l-Kunsill irnexxielu jsib soluzzjoni biex jitkompla l-programm ta' tisbieħ ambjentali fl-Iklin.

17.4.3 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras informa li x-xogħlijiet (reinstatement works) fuq il-bankina u parti mit-triq fil-ġenb tal-Pjazza Ninu Cremona tlestew mill-kuntrattur u l-Kunsill se jkun qed jistenna ċ-ċertifikazzjoni tal-Perit. Li tneħħa l-periklu kienet ta' serħan il-moħħ għall-Kunsill għaliex l-għeruq tas-siġar kienu refgħu l-bankina u parti mit-triq b'detriment għall-pubbliku. Is-Sindku ikkonkluda li l-Kunsill għalaq kapitlu li kien ilu jkaxkar is-snin.

17.4.4 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras informa li kien irċieva talba mill-Fakultà għat-tisħiħ tas-soċjetà biex jistallaw materjal pubbliċitarju 6m x 1m b'mod temporanju f'sit fl-Iklin biex jippromwovu l-korsijiet varji – Bachelor of Arts (Honours) in Youth and Community Studies, Master of Arts in Community Action and Development, Master in Youth and Community Studies, Master of Arts in Youth Justice. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni peress li din hija kampanja edukattiva. Qed jiġi ssuġġerit li l-banner jitla fi Triq San Mikiel k/m Triq il-Wied.

17.4.5 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras tkellem ukoll dwar il-pjattaforma li nidiet l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali minħabba l-pandemija COVID-19 bil-għan li l-Kunsilli Lokali jkunu viċin il-komunità matul din il-pandemija. Is-Sindku qal li hu u s-Segretarju Eżekuttiv kien ser ikollhom ir-rwol ta' Amministraturi filwaqt li l-impjegati jservu bħala moderaturi ta' din il-paġna. Huwa ħeġġeġ lill-Kunsillieri biex jissieħbu u jippromwovu din l-inizjattiva.

17.4.6 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras qal li kien qed jaħdem fuq proġett mall-Parroċċa biex dawk l-aktar vulnerabbli fil-komunità jsibu s-sostenn permezz ta' din l-inizjattivia konġunta. Dan se jkun qed isir billi nħoloq Helpline li ser ikun qed jassisti li jgħixu waħedhom, u jew persuni li għandhom problem ta' saħħa mentali. Hemm numru ta' volontieri li offrew il-ħin tagħhom biex jgħinu. Il-Kunsillier Godwin Catania se jkun jifforma parti minn dan il-grupp ta' voluntiera. Grazzi tal-appoġġ. L-ideja wara din l-inizjattiva konġunta kien sabiex f'każ ta' lock down totali, dan il-grupp ikun jista jassisti bl-aħjar mod possibbli.

## 17.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

17.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet bil-miktub.

## 17.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

17.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn is-17 ta' Marzu u d-9 ta' April 2020 kif jidher fid-dokumenti A u B.

17.6.2 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa dwar korrispondenza nru. 590/20. Programm Anzjanità attiva. Abbozz ta' ftehim biex jiġi ffirmat bejn il-Kunsill Lokali L-Iklin, Kunsill Lokali Ħal Balzan u sintendi d-Dipartiment tal-Anzjanità Attiva.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras qal li din ser tkun l-ewwel *joint venture* bejn żewġ lokalitajiet f'Malta u kif appena tgħaddi din l-imxija, inkunu nistgħu nvaraw dan il-programm għall-ġid komuni tal-anzjani li jgħixu f'dawn il-lokalitajiet.

17.6.3 Il-Kunsillier Bernice Farrugia staqsiet dwar korrispondenza nru. 592/20. Ilment mill-Kap ta' Nursery 'Little Owls' dwar korrezzjoni fil-marki taż-żebgħa fi Triq Giovanni Curmi.

Is-Sindku spjega li l-Kunsill kellu jikkoreġi l-marki taż-żebgħa minħabba nuqqas ta' aċċessibilità libera għal sid ta' garage biex ikun jista jimmanuvra (free ingress/egress). L-implimentazzjoni ta' *single yellow line* jippermetti li persuna/i jkunu jistgħu iwaqqfu l-vetttura/i b'mod temporanju (drop off) filwaqt li l-allokazzjoni ta' Un/Loading bay eżistenti tista tibqa taqdi l-funzjoni tagħha.

17.6.4 Il-Kunsillier Bernice Farrugia staqsiet dwar korrispondenza nru. 652/20. Il-Kunsill irċieva Rapport Annwali dwar *Commission of Gender Based Violence and Domestic Violence*.

Is-Segretarju Eżekuttiv ser jgħaddi kopja tar-Rapport lill-Kunsillier Farrugia.

17.6.5 Il-Kunsillier Godwin Catana staqsa dwar korrispondenza nru. 612/20. Talba biex tiġi mplimentata crash barrier fil-viċinanzi ta' stabbiliment tal-ikel fi Triq Għargħur.

Is-Sindku Dr. Sciberras wieġeb li kien għamel spezzjoni fuq il-post u jikkonferma li din il-parti tat-triq hija suxxettibbli għal xi inċident għalhekk għandha ssir talba lill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni.

17.6.6 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 684/20. Fattura biex titħallas il-kirja (rental agreement) tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill iħallas kirja ta' sitt xhur bil-quddiem.

17.6.7 Il-Kunsillier Emanuel Zammit staqsa dwar korrispondenza nru. 695/20. Seepage ta' ilma tax-xita f'residenza fi Triq il-Wied.

Is-Sindku spjega li fl-aħħar maltemp irriżulta li residenza partikolari fl-Iklin kellha ingress ta' ilmijiet fir-residenza tagħha. Żied jgħid li peress li Infrastructure Malta kienet għaddejja bil-proġett fi Triq il-Wied u allura kien hemm trinek miftuħin mill-kuntrattur appuntat fuq dan il-proġett, setgħet kienet il-kawża għal dan l-inċident. Is-Sindku qal li kien tkellem mall-Perit tal-Kunsill u telgħu fuq il-post biex jippruvaw jassistu lil din il-familja f'kundizzjonijiet kemmxejn diffiċli. Is-Sindku kellu jirrikorri ghall-Perit u Uffiċċjali oħra minn Infrastructure Malta minkejja li kien fil-*week-end* biex jirrimedjaw.

17.6.8 Il-Kunsillier Emanuel Zammit staqsa dwar korrispondenza nru. 679/20. Iinformazzjoni dwar il-qasam tal-ħarsien tal-annimali u *feeders* fil-lokalità tal-Iklin.

17.6.9 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 711/20. Proġett għall-Anzjani fuq il-pjattaforma YouSafe.

**COMPLAINTS SHEET (17 March - 9 April 2020)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 59 | 17/03/2020 | Din ir-residenta qed titlob li l-Kunsill jirranġa ma' Bank kummerċjali lokali biex terġa tiġi nstallata ATM fl-Iklin. | pending | unknown location | **COUNCIL** |
| 60 | 17/03/2020 | Residenta qed tilmenta fuq id-dlam li hemm fi Triq Ġużè Pesci minn mindu nqalgħet bozza tat-triq. Tixtieq li titwaħħal waħda temporanja. | pending | Triq Guze' Pesci | **COUNCIL** |
| 61 | 23/03/2020 | Bozza tixgħel u titfi fi Triq Carmelo Pace. | pending | Triq Carmelo Pace | **ENEMALTA** |
| 62 | 24/03/2020 | Talba għall-implimentazzjoni ta' *crash barrier* quddiem 'Il-Cortile' fi Triq il-Għargħur għaliex peress li l-ħanut qiegħed *blind corner*, il-vetturi qed iduru bi speed u kien hemm drabi li tilfu l-kontroll u baqgħu deħlin fil-proprjetà privata. | pending | Triq il-Gharghur | **COUNCIL** |
| 63 | 25/03/2020 | Hemm bozza maqtugħa quddiem id-dar 'Le Perle', Triq Enrico Naudi. | pending | Triq Enrico Naudi | **ENEMALTA** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 64 | 25/03/2020 | Il-bozza ta' fejn l-arblu tan-Net reġgħet m'hiex tixgħel. | pending | Triq ir-Razzett l-Ahmar | **MICA MED** |
| 65 | 28/03/020 | Qed ikun hemm ħafna ġrieden fi Triq Giorgio Locano, għelieqi. | settled | Triq Giorgio Locano | **PUBLIC HEALTH** |
| 66 | 02/04/2020 | Hemm kaxxa ta' un/loading fi Triq il-Klin quddiem stabbiliment tan-negozju. Il-vetturi qed jipparkjaw il-ġurnata kollha fuqha u tal-ħanut qed ikollu problema meta jkollu d-deliveries. Dan jixtieq li tinkiteb il-kelma un/loading, kif ukoll titwaħħal tabella bil-ħinijiet rikjesti. | pending | Triq il-Klin | **COUNCIL** |
| 67 | 02/04/2020 | Hemm karozza bla licenzja fi Triq ES Inglott. | pending | Triq ES Inglott | **POLICE** |
| 68 | 06/04/2020 | Rapport li meta jinxteghel id-dawl ta' barra qed tinqatalha s-salva vita fi Triq Stefano Erardi. | settled | Triq Stefano Erardi | **ENEMALTA** |
| 69 | 06/04/2020 | Hemm id-dawl ta' Triq il-Wied mhux jixgħel. | pending | Triq il-Wied | **ENEMALTA** |
| 70 | 06/04/2020 | Hemm id-dawl ta' Triq il-Harruba mhux jixgħel. | pending | Triq il-Harruba | **ENEMALTA** |
| 71 | 08/04/2020 | Talba biex l-isem ta' Triq il-Ħarruba jigi rilokat fuq in-naħa l-oħra tat-triq biex ikun aktar viżibbli. | pending | Triq il-Harruba | **COUNCIL** |

## 17.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI.

17.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

17.7.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras imbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo.

17.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Bernice Farrugia, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

17.7.4 Imbagħad il-Kunsill ressaq kwotazzjoni għall-awtorizazzjoni ta' xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

a. Kwotazzjoni għax-xiri ta' Office Chair mingħand il-fornitur Index Furniture Centre għall-prezz ta' Eur80.00 V.A.T. inkluż;

Il-Kunsill approva *nem con*.

**17 .8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR**

17.8.1 Ma kienx hemm.

**17 .9 DISINN IMĦEJJI MILL-PERIT GĦALL-PROĠETT TA' TRIQ IL-WIED**

17.9.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras informa lill-preżenti li s-Segretarju Eżekuttiv kien għadda kopja tad-disinn ipprepata mill-Perit tal-Kunsill għall-attenzjoni tal-Kunsillieri.

Is-Sindku spjega d-disinn fejn il-ħsieb primarju kien li t-triq tiġi ddisinjata b'mod li titnaqqas ir-rata ta' inċidenti li jsiru fl-imsemmija triq ħafna mid-drabi minħabba negliġenza fis-sewqan. Hemm ukoll il-ħsieb li jiġu mplimentati numru ta' traffic calming measures, estensjoni tal-bankini u tħawwil ta' siġar biex nippromwovu żoni urbani ħodor.

17.9.2 Wara diskussjoni, is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex japprova d-disinn.

17.9.3 Il-Kunsill approva *nem con*.

17.9.4 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ikkonkluda li kien ser jinnotifika lir-residenti ta' Triq il-Wied u lir-residenti li jirrisiedu fit-toroq immedjati biex eventwalment jissottometti d-disinn lill-Infrastructure Malta għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni.

17.9.5 Is-Sindku Dr. Sciberras qal li qed jinvesti ħafna ħin u attenzjoni fuq dan il-proġett għaliex jemmen li l-Kunsill jista verament jagħmel differenza għall-ġid tar-residenti li jirrisiedu f'din iż-żona. Il-fatt li l-Kunsill irnexxielu jikkonvinċi lil Infrastructure Malta biex jiġu mplimentati l-*istorm water culverts* u s-sistema tad-drenaġġ li huma żewġ *issues* kruċjali f'din it-triq minħabba d-diffikultajiet li jiffaċċja r-resident kull darba li tiġri maltempata, hija ferm pożittiva għall-Kunsill.

17.9.6 Is-Sindku Dr. Sciberras irringrazzja pubblikament lill-Infrastructure Malta għal din il-kollaborazzjoni u r-rapport eċċellenti li teżisti bejn iż-żewġ partijiet.

## 17.10 APPROVAZZJONI TAL-EVALUATION REPORTS ILC/T/2/19 & ILC/T/1/20.

17.10.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras stieden lis-Segretarju Eżekuttiv biex jippreżenta r-rapport tal-evalwazzjoni dwar Tender ILC/T/2/19.

17.10.2 Il-Kumitat tal-Evalwazzjoni kien kompost minn Dr. Sciberras bħala chairman, Etienne Montfort bħala Segretarju (Tender Co-ordinator) u l-membri Yvonne Bartolo, Bernice Farrugia u Kenneth Brincat bħala membri. Wara li ġie moqri r-Rapport, is-Sindku Dr. Sciberras staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet.

17.10.3 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar id-diskrepanza li ħarġet bejn il-*Financial bid* u *Tender Response Format* fir-rigward ta' wieħed mill-offerenti.

17.10.4 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li r-rapport tal-Evalwazzjoni jispjega tajjeb dwar dan u fakkar li l-Kumitat tal-Evalwazzjoni kien talab kjarifika lill-offerent nru. 3 skont *schedule of offers* biex jispjega preċiż fuq dan il-punt.

17.10.5 Il-Viċi Sindku Bartolo kienet sodisfatta b'din il-kjarifika.

17.10.6 Is-Sindku Dr. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Bartolo biex jikkunsidra u japprova r-rapport. Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat *nem con*.

17.10.7 Ser jiġi mħabbar ir-riżultat fuq il-pjattaforma epps u wara li jgħaddi l-perjodu tal-appell, l-akkwist pubbliku jingħata lill-orħos offerent.

17.10.8 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras reġa stieden lis-Segretarju Eżekuttiv biex jippreżenta r-rapport tal-evalwazzjoni dwar Tender ILC/T/1/20.

17.10.9 Il-Kumitat tal-Evalwazzjoni kien kompost minn Dr. Sciberras bħala chairman, Etienne Montfort bħala Segretarju (Tender Co-ordinator) u l-membri Yvonne Bartolo, Bernice Farrugia u Kenneth Brincat bħala membri. Wara li ġie moqri r-Rapport, is-Sindku Dr. Sciberras staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet.

17.10.10 Is-Sindku Dr. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Bartolo biex jikkunsidra u japprova r-rapport.

17.10.11 Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat *nem con*.

17.10.12 Ser jiġi mħabbar ir-riżultat fuq il-pjattaforma epps u wara li jgħaddi l-perjodu tal-appell, l-akkwist pubbliku jingħata lill-orħos offerent.

**(Ara dok. E & F)**

## 17.11 TMIEM TAL-LAQĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

17.11.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tnejn, 4 ta' Mejju 2020 fil-5.30 pm.

17.11.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar it-Tnejn, 4 ta' Mejju 2020 fil-5.30 pm.

17.11.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-6.10 pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ____________________ | ____________________ |
| **Dr. Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |